MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 581/1997/1

**Joseph Bartolo**

**vs**

**L-Onorevoli Prim Ministru u l-Onorevoli Ministru responsabbli mid-Dipartiment tal-Artijiet u b'digriet tal-10 ta' Lulju, 1997 gew imsejha fil-kawza l-Kummissarju ta' l-Artijiet u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti;**

Dan hu appell minn decizjoni ossia sentenza preliminari moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta’ Ottubru, 2001 li permezz taghha dik il-Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-intimati, liema eccezzjoni kienet fis-sens li dik il-Qorti kellha tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha b’applikazzjoni tal-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u d-disposizzjoni analoga fl-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319. Din il-Qorti hi tal-fehma li jkun opportun li tigi riprodotta s-sentenza kollha tal-ewwel Qorti peress li minnha jirrizulta car x’qed jigi kontestat u x’qed jintalab mir-rikorrent (appellat), x’inhi l-eccezzjoni in kwistjoni, kif ukoll il-motivazzjonijiet li wasslu lil dik il-Qorti tirrespingi din l-eccezzjoni:

“F’din il-kawza r-rikorrent qieghed jitlob il-harsien tad-dritt fondamentali tieghu ta’ proprjetà taht l-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Art. 1 ta’ l-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. Is-sentenza tallum hija dwar l-eccezzjoni illi r-rikorrent kien imissu nqeda b’rimedji taht il-ligi ordinarja qabel ma fetah dawn il-proceduri straordinarji tallum.
Ir-rikors li bih inbdiet il-kawza jidher illi qieghed ighid illi r-rikorrent huwa sid ta’ bicca art b’razzett fuqha li kien akkwista b’kuntratt tat-12 ta’ Marzu 1982 fl-atti tan-Nutar Francis Micallef. B’ittra ufficjali tal-25 ta’ Lulju 1984 il-Kummissarju ta’ l-Artijiet, ghall-ghanijiet ta’ l-Att dwar Arei ghall-Izvilupp tal-Bini[1], innotifika lir-rikorrent b’kopja ta’ rizoluzzjoni approvata mill-Parlament fl-4 ta’ Lulju 1984 li tolqot artijiet fin-Naxxar, fosthom bicca art tar-rikorrent. It-tehid ta’ l-art tar-rikorrent ma jolqotx biss ir-razzett, billi dan fih aktar minn tmintax-il metru kwadrat (18m²) u ghalhekk, taht l-art. 8 ta’ l-Att fuq imsemmi, ma setax jittiehed.
L-art mehuda mill-pussess tar-rikorrent inbieghet mill-gvern lil terzi li qeghdin jibnuha.
L-art. 6 ta’ l-Att fuq imsemmi ighid illi, ghall-ghanijiet ta’ kumpens li ghandu jithallas taht l-art. 5, l-art ghandha tigi

[1] Kap. 303. Ghalkemm dan l-Att illum huwa abrogat bl-Att X ta’ l-1988, ghadu jsehh dwar il-hlas ta’ kumpens li jista’ jkun dovut lil xi persuna li jkollha dritt fuq jew interess f’xi art li ghaliha l-artikolu 5 ta’ l-Att japplika.

stmata bhala raba' jew moxa skond il-kaz, sakemm l-art ma kinitx akkwistata qabel l-14 ta' Frar 1983, ghax f'dak il-kaz ighodd l-art. 7 ta' l-Att.

B'decizjoni tat-28 ta' Jannar 1997 il-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet kien illikwida kumpens ghall-art tar-rikorrent fis-somma ta' erbat elef u seba' mitt lira (Lm4,700); dan il-kumpens, ighid ir-rikorrent, b'ebda mod ma joqrob lejn kemm l-art tiswa tassew.

Ir-rikors ikompli jghid illi l-Att 1 ta' l-1983, l-Att dwar Arei ghall-Izvilupp tal-Bini, ma jiswiex ghax imur kontra l-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jghid illi ebda proprjetà ma tista' tittiehed hlief bis-sahha ta' ligi li tipprovdi ghall-hlas ta' kumpens xieraq; l-Att ma jipprovdix ghall-hlas ta' kumpens xieraq.

Barra minn hekk, id-dritt tar-rikorrent, imhares ukoll taht l-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, inkorporat fil-Kap. 319 tal-Ligijiet, ukoll inkiser bit-tehid tal-proprjetà tar-rikorrent taht il-ligi fuq imsemmija.

Ir-rikorrent ghalhekk talab illi l-qorti taghti l-ordnijiet mehtiega ghat-tharis ta' l-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-jedd tar-rikorrent fuq il-proprjetà fuq imsemmija, billi, fost hwejjeg ohra, tghid illi l-Att I ta' l-1983 huwa null u ma jiswiex.

L-intimati ressqu l-eccezzjoni , fost ohrajn, illi r-rikorrent kellu rimedju ordinarju billi jaghmel appell mid-decizjoni tal-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet taht l-art. 5(3) *pr.* ta' l-Att dwar Arei ghall-Izvilupp tal-Bini.

Fit-12 ta' Frar 2001 il-qorti iddifferiet il-kawza ghallum ghas-sentenza dwar din l-eccezzjoni, wara li tat lill-partijiet fakoltà li jaghmlu osservazzjonijiet bil-miktub.

Il-fatti relevanti ghal dan il-kaz graw hekk:

Fit-12 ta' Marzu 1982 r-rikorrent xtara l-art meritu tal-kawza tallum bil-prezz ta' erbat elef u seba' mitt lira (Lm4,700). Fl-4 ta' Lulju 1983 il-Kamra tad-Deputati ghaddiet rezoluzzjoni li tolqot din l-art; din ir-rizoluzzjoni saret taht il-procedura mfissra fl-art. 3 ta' l-Att ta' l-1983 dwar Arei ghall-Izvilupp tal-Bini (Att I ta' l-1983):

**3.** (1) Il-Ministru jista' minn zmien ghal zmien jiddikjara kull art f'Malta biex tkun Area ghall-Izvilupp tal-Bini … … …

… … …

(6) Il-Kamra tista' b'rizoluzzjoni jew tadotta jew tichad dik id-dikjarazzjoni jew tista' tapprova dik id-dikjarazzjoni b'kull modifika li jidhrilha xieraq li taghmel.

(7) Meta l-Kamra tadotta jew tapprova d-dikjarazzjoni kif provdut fis-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu, l-Iskrivan tal-Kamra ghandu jiehu hsieb li kopja tar-rizoluzzjoni tigi pubblikata fil-Gazzetta … … …

Ir-rikorrent kien notifikat b'din ir-rizoluzzjoni b'ittra ufficjaliipprezentata mill-Kummissarju ta' l-Artijiet fil-25 ta' Lulju 1993, kif irid l-art. 10 ta' l-Att:

**10.** Kemm jista' jkun malajr wara l-pubblikazzjoni tar-rizoluzzjoni tal-Kamra msemmija fis-subartikolu (7) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att, il-Kummissarju ghandu jipprezenta kopja ta' dik ir-rizoluzzjoni … … … fir-Registru tal-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet, u ghandu jiehu hsieb li kopja taghha tigi notifikata permezz ta' dak il-Bord bil-mod preskritt fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili lil kull persuna, li jkollha jedd fuq jew interess fl-art li ghaliha tirreferi r-rizoluzzjoni, li l-Kummissarju jkun jaf bl-ezistenza u bl-identità taghha.

Fl-4 ta' Gunju 1985 ir-rikorrent beda proceduri quddiem il-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet ghal-likwidazzjoni tal-kumpens li kien imiss lilu. Dawk il-proceduri saru taht l-art. 5(3) ta' l-Att:

**5.** (3) Kull persuna li jkollha jedd fuq jew interess fl-art li ghaliha japplika dan l-artikolu, ikollha l-jedd li tmur quddiem il-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet u l-Qorti Civili Prim'Awla sabiex jigi deciz il-jedd taghha fuq jew interess f'dik l-art., l-ammont ta' kull kumpens li jista' jkollha jedd ghalih u sabiex tikseb il-hlas ghal dak il-kumpens … … …

Izda dik il-persuna jkollha d-dritt ghal appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell minn kull decizjoni tal-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet u tal-Qorti Civili Prim'Awla … … …

Dwar likwidazzjoni tal-kumpens, l-art. 6 u 7 ta' l-Att jipprovdu hekk:

**6.** Kull art ghandha tigi stmata ghall-fini tal-kumpens li ghandu jithallas skond l-artikolu 5 ta' dan l-Att bhala raba' jew moxa skond il-kaz.

**7.** (1) Minkejja kull dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att meta persuna li jkollha jedd fuq jew interess f'xi art inkluza fi Progett imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, tipprova b'dokumenti li dik l-art tkun giet akkwistata *bona fide* minnha qabel l-erbatax ta' Frar 1983 bi prezz oghla mill-kumpens li xort'ohra kien jithallas skond l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici — Kap. 88, il-Ministru ghandu jiehu hsieb li dawk id-dokumenti jitqieghdu quddiem il-Kamra flimkien mad-dikjarazzjoni msemmija fl-artikolu 3 ghall-konsiderazzjoni taghha, u l-Kamra tista' fir-rizoluzzjoni li tadotta jew tapprova dik id-dikjarazzjoni jew:

(a) tinkludi dik l-art fl-Area ghall-Izvilupp tal-Bini, f'liema kaz dak il-prezz oghla ghandu jithallas bhala kumpens lil dik il-persuna; jew

(b) tinkludi dik l-art fl-Area ghall-Izvilupp tal-Bini u tiddikjara li d-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att gdwar esproprjazzjonih m'ghandhomx japplikaw ghaliha; jew

(c) teskludi dik l-art mill-Area ghall-Izvilupp tal-Bini.

Dawn id-dispozizzjonijiet ifissru illi meta tkun sejra tittiehed taht l-Att xi art li sidha jkun akkwistaha wara l-14 ta' Frar 1983, ghall-ghanijiet ta' l-istima l-art titqies biss bhala raba' jew moxa, u mhux ukoll bhala art tajba ghall-bini. Meta izda l-art tkun inxtrat qabel l-14 ta' Frar 1983, l-art tkun stmata skond il-Kap. 88; *i.e.* tista' tkun stmata wkoll, jekk ikun il-kaz, bhala art tajba ghall-bini, b'dan li jekk l-istima tkun anqas mill-prezz ta l-akkwist, jekk l-awtoritajiet jaghzlu li jiehdu l-art il-kumpens ikun daqs il-prezz ta' l-akkwist. Mela effettivament jekk tittiehed art li tkun inxtrat qabel l-14 ta' Frar 1988 il-kumpens ikun jew il-valur stmat, jekk ikun il-kaz bhala art tajba ghall-bini, jew il-prezz ta' l-akkwist, skond liema jkun l-oghla.

B'decizjoni tat-28 ta' Jannar 1997 il-bord illikwida l-kumpens li jmiss lir-rikorrent fis-somma ta' erbat elef u seba' mitt lira (Lm4,700) — daqskemm kien hallas ir-rikorrent biex xtara l-art. Ir-rikorrent, flok ghamel appell kif kellu jedd taht l-art. 5(3 *pr.*) ta' l-Att, fit-3 ta' Marzu 1997 fetah dawn il-proceduri tallum. L-intimati qeghdin ighidu illi, ladarba kellu l-jedd ta' appell, ir-rikorrent ma nqediex bir-rimedji ordinarji kollha qabel ma beda dawn il-proceduri, u din il-qorti ghalhekk ghandha taghzel li ma

tinqediex bis-setghat taghha taht il-ligijiet li jharsu d-drittijiet fondamentali.
L-intimati qeghdin jistriehu fuq sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 t'April 1992 *in re* **Guza Debono *et versus* Prim'Ministru *et*** li wkoll kienet dwar jekk l-Att dwar Arei ghall-Izvilupp tal-Bini jmurx kontra d-dispozizzjonijiet li jharsu d-drittijiet fondamentali. F'dik il-kawza l-proceduri biex ikun impunjat l-Att inbdew qabel ma kien likwidat il-kumpens mill-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet, u l-Qorti Kostitzzjonali kienet qalet li setghet tkun biss il-likwidazzjoni ta' kumpens f'ammont mhux xieraq li tikkostitwixxi ksur tad-dritt fondamentali, u qabel ma jkun hemm il-likwidazzjoni jonqos ukoll il-presuppost ta' fatt mehtieg biex tista' mqar tinbeda l-procedura kostituzzjonali:
Il-pern tal-kawza … … … huwa l-kumpens, jew ahjar in-nuqqas ta' kumpens xieraq. La l-kumpens — almenu formalment — huwa kontemplat fil-ligi impunjata, allura n-nuqqas ta' kumpens xieraq huwa ridott, fl-ewwel lok, ghall-kwistjoni ta' fatt li jrid jigi stabbilit u mhux arguwit jew ipotizzat. … … … ghall-fatt ta' nuqqas ta' kumpens xieraq huwa fatt legalment kwalifikat, jigifieri huwa n-nuqqas ta' kumpens xieraq skond kif dak il-kumpens gie stabbilit mill-organi gudizzjarji awtorizzati biex jistabilixxu dak il-kumpens kif tipprovdi l-ligi impunjata. … … … Il-lezjoni setghet tirrizulta biss minn gudizzju kostituzzjonalment inadegwat ta' l-onorabbli Qorti ta' l-Appell.
Il-qorti ghalhekk sabet li t-talba biex tkun impunjata l-ligi kienet intempestiva, u cahditha.
Fil-kaz tallum, il-gudizzju ta' likwidazzjoni ta' kumpens inghata u ghalhekk il-presuppost ta' fatt li trid is-sentenza ta' Debono jezisti. Madankollu, xorta jibqa' l-fatt li r-rikorrent seta' nqeda bir-rimedju ta' l-appell, li taghtih il-ligi ordinarja, qabel ma fetah dawn il-proceduri straordinarji tallum.
Il-ligijiet illi jharsu d-drittijiet fondamentali jghidu wkoll illi:
l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra.

Ma hux bizzejjed illi r-rikorrent seta' appella mid-decizjoni tal-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet; huwa mehtieg ukoll illi dik il-procedura kienet taghtih mezz xieraq ta' rimedju.
Fil-fehma ta' din il-qorti, meta tqis il-fatt li l-likwidazzjoni tal-kumpens mill-bord saret wara rapport ta' periti teknici mahtura mill-bord, u illi l-likwidazzjoni hija mahduma fuq fatturi u f'parametri teknici u precizi iffissati taht l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici, ghalkemm seta' jkun li, li kieku sar appell, il-Qorti ta' l-Appell taqleb id-decizjoni tal-bord, x'aktarx illi appell taht il-ligi ordinarja u fil-parametri ta' dik il-ligi ma kienx jaghti rimedju bizzejjed lir-rikorrent.
Ir-regola li trid li min jirrikorri ghar-rimedju straordinarju jkun qabel fittex ir-rimedji ordinarji kollha ma hix xi regola teknika ta' applikazzjoni awtomatika; thalli lill-qorti diskrezzjoni biex tara jekk, fic-cirkostanzi, ir-rimedju ordinarju kienx ikun bizzejjed ghall-harsien tad-drittijiet fondamentali, sabiex ma jsirx rikors ghar-rimedji straordinarji meta dawk ordinarji kienu jkunu bizzejjed. Ma hemm ebda htiega, izda, illi r-rikorrent ikun hela hin u spejjez fi proceduri li x'aktarx ma jaghtuhx rimedju tajjeb, u meta l-possibbiltà li jinghata rimedju taht il-ligi ordinarja tkun wahda remota.
Naturalment, dan kollu hu bla pregudizzju ghall-kwistjoni ewlenija jekk it-tehid ta' l-art bil-kumpens likwidat taht il-ligi ordinarja huwiex bi ksur tad-dritt fondamentali tar-rikorrent.
Ghal dawn ir-ragunijiet il-qorti tichad l-eccezzjoni ta' l-intimati u taghzel li tkompli tisma' din il-kawza. Dwar l-ispejjez ta' dan l-episodju jkun hemm decizjoni fis-sentenza finali."

L-aggravju ta' l-appellanti hu, bazikament, fis-sens li l-ewwel Qorti kien messha ddeklinat li tezercita s-setghat taghha ghax, dejjem skond l-appellanti, ir-rikorrent (illum appellat) Bartolo kellu mezzi xierqa ta' rimedju disponibbli ghalih. L-appellanti jergghu jaghmlu referenza ghall-istess zewg sentenzi li strahu fuqhom quddiem l-ewwel Qorti, u cioe` s-sentenzi ta' din il-Qorti (diversament komposta) fl-ismijiet ***Vincent Spiteri v. Onor. Prim Ministru et*** u ***Guza***

***Debono et v. L-Onorevoli Prim Ministru et*** tal-31 ta' Awissu, 1977 u 13 ta' April, 1992 rispettivament.

Din il-Qorti ma tarax li tista' takkolji dana l-appell. L-appellanti donnhom jippretendu li ghax, skond huma, kien hemm mezzi xierqa ta' rimedju, l-ewwel Qorti kienet b'xi mod "obbligata" li tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha kostituzzjonali. Kif gie deciz diversi drabi minn din il-Qorti (ara, per ezempju, ***Edward Zahra v. Awtorita` ta' l-Ippjanar***, 31 ta' Mejju, 1999) anke jekk il-Prim Awla tasal ghall-konkluzjoni li r-rikorrent kellu tali mezzi a disposizzjoni tieghu u ma uzahomx, dik il-Qorti xorta wahda tista' tiddeciedi li tinvesti l-meritu mil-lat kostituzzjonali ossia ta' drittijiet fondamentali, u dan peress li l-proviso in kwistjoni jaghmilha cara li f'tali sitwazzjoni l-Prim Awla *"…tista'…tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha…"* u mhux *"…ghandha…tirrifjuta…"*. Tali diskrezzjoni (diskrezzjoni riflessa fil-kliem *"jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel"*) ghandha s'intendi dejjem tigi ezercitata fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja biex minn naha l-wahda il-Prim Awla kif ukoll din il-Qorti – il-Qorti Kostituzzjonali – ma jigux inundati b'kawzi li jistghu jigu determinati minn Qrati ohra u/jew bi proceduri ohra, u minn naha l-ohra c-cittadin (jew persuna guridika, skond il-kaz) ma jigix ipprivat mir-rimedji li hu ghandu dritt ghalihom taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Kap. 319. Dan il-hsieb gie espress bl-aktar mod car mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-5 ta' Dicembru, 1986 fil-kawza fl-ismijiet ***Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et*** (deciza finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' April, 1991), fejn intqal hekk:

**Il-legislatur kostituzzjonali kkonferixxa lil din il-Qorti (u lil ebda persuna jew awtorita` ohra) din id-diskrezzjoni wiesgha fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja biex minn banda 'l wahda tkun tista' twaqqaf, jekk ikun hemm bzonn anke hesrem, lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali u mill-banda l-ohra tkun tista' timpedixxi li jigu kreati ostakoli bla bzonn fit-triq ta' min ikun jidher li genwinament ikun qieghed ifittex ir-rimedju kostituzzjonali. Il-fattispeci u c-cirkostanzi**

**partikolari kollha tal-kaz ghandhom jigu ezaminati ghaliex b'hekk biss il-Qorti tkun tista' tasal biex tiddeciedi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina illi tezercita s-setghat taghha.**

(ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Ltd v. Il-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta et*** deciza fil-31 ta' Ottubru, 2003). Sakemm id-diskrezzjoni moghtija mill-legislatur lill-Prim Awla tigi ezercitata minn dik il-Qorti b'mod ragonevoli, din il-Qorti (cioe` l-Qorti Kostituzzjonali) m'ghandhiex tiddisturba il-konkluzzjoni milhuqa, li tkun effettivament l-ezitu ta' l-uzu "korrett" ta' dik id-diskrezzjoni. Fil-kaz in dizamina l-ewwel Qorti rriteniet li ghakemm kien hemm id-dritt ta' appell ghal quddiem il-Qorti ta' l-Appell, hija kienet tal-fehma li *"…x'aktarx illi appell taht il-ligi ordinarja u fil-parametri ta' dik il-ligi ma kienx jaghti rimedju bizzejjed lir-rikorrent."* U dik il-Qorti kompliet hekk:

**Ir-regola li trid li min jirrikorri ghar-rimedju straordinarju jkun qabel fittex ir-rmedji ordinarji kollha ma hix xi regola teknika ta' applikazzjoni awtomatika; thalli lill-qorti diskrezzjoni biex tara jekk, fic-cirkostanzi, ir-rmedju ordinarju kienx ikun bizzejjed ghall-harsien tad-drittijiet fondamentali, sabiex ma jsirx rikors ghar-rimedji straordinarji meta dawk ordinarji kienu jkunu bizzejjed. Ma hemm ebda htiega, izda, illi r-rikorrent ikun hela hin u spejjez fi proceduri li x'aktarx ma jaghtux rimedju tajjeb, u meta l-possibilita` li jinghata rimedju taht il-ligi ordinarja tkun wahda remota.**

Din il-Qorti ma tara xejn li b'xi mod jista' jikwalifika bhala "mhux ragonevoli" fir-ragunament tal-ewwel Qorti – u dan qed jinghad interament bla pregudizzju ghall-kwistjoni ta' jekk verament kienx hemm, fl-ewwel lok, dritt ta' appell kif qed jippretendu l-appellanti, ta' jekk dan id-dritt ta' appell kienx jammonta ghal mezz ta' rimedju xieraq, ta' jekk allura (jekk kien hemm mezz ta' rimedju xieraq) l-azzjoni odjerna hix intempestiva (fis-sens ta' kif giet deciza l-kawza ***Guza Debono et v. L-Onorevoli Prim Ministru***

***et***, aktar ‘l fuq imsemmija) u, finalment, ta’ jekk it-tehid ta’ l-art bil-kumpens kif likwidat mill-Bord taht il-ligi ordinarja kienx jilledi xi dritt fondamentali tar-rikorrent appellat. Dawn il-kwistjonijiet kollha din il-Qorti qed thallihom impregudikati – dak li qed tiddecidi hu biss li d-decizjoni tal-Prim Awla li ma tiddeklinax milli tezercita s-setghat taghha fl-isfond tal-fattispeci tal-kaz kienet *prima facie* wahda korretta peress li ma jirrizultax li dik il-Qorti ezercitat id-diskrezzjoni taghha b’mod mhux ragonevoli. Jinghad ukoll ghall-kompletezza li proprjament il-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-proviso identiku tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 anqas jaghtu necessarjament lok ghal “eccezzjoni” fil-veru sens tal-kelma, u dan peress li l-ezistenza ta’ mezz xieraq ta’ rimedju (bil-konsegwenti rufjut ta’ l-ewwel Qorti li tezercita s-setghat taghha) tista’ tigi sollevata minn dik il-Qorti anke *ex officio*.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ dana l-appell ghandhom jithallsu mill-appellanti solidament bejniethom.

Il-Qorti tordna li l-atti jigu minnifih mibghuta lura lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex tkompli tisma’ u tiddetermina l-vertenza bejn il-partijiet skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------